

21999D1028(09)

28.10.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 277/51

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 114/98****tas-27 ta' Novembru 1998****li temenda l-Protokoll 4 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar regoli ta' oriġini**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Protokoll 4 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/96 tat-22 ta' Novembru 1996<sup>(1)</sup>;

Billi l-Protokoll 4, kif emendat sabiex jestendi s-sistema ta' kumulazzjoni ta' oriġini għall-pajjiżi ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, għandu dispożizzjonijiet li ma jippermettux rifużjoni ta' jew eżenzjoni minn, dazji doganali li jippermettu għal differenzi fl-interpretazzjoni;

Billi l-Protokoll 4 għandu għalhekk jiġi emendat għat-tħaddim tajjeb tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

**Artikolu 1**

L-Artikolu 14(1) tal-Protokoll 4 għandu jiġi mibdul bit-test li ġej:

"1. Materjali li ma jorġinawx mill-post użati fil-manifattura ta' prodotti li jorġinaw fiż-ŻEE fit-tif-sira ta' dan il-Protokoll jew fwieħed mill-pajjiżi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3 li għalihom tinħareġ jew issir prova ta' l-oriġini bi qbil mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ma għandhomx ikunu soġġetti fi kwalunkwe Parti Kontraenti għal rifużjoni ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali ta' kwalunkwe tip."

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' Novembru 1998, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

**Artikolu 3**

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fis-27 ta' Novembru 1998.

**Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE****Il-President**

N. v. LIECHTENSTEIN

---

<sup>(1)</sup> ġu L 21, tat-23.1.1997, p. 12.